MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 656/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Tara Jessica Bannon (K.I. nru 139790(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fis-27 ta’ Gunju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia datat 29 ta’ Novembru 2004 (Dok. “A”), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuta Tara Jessica Bannon;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta’ Tara Jessica Bannon fis-somma ta’ sitta u erbghin elf, mitejn u tletin

Ewro u sitt centezmu (€46,230.06) – ekwivalenti ghal dsatax-il elf, tmin mija u sitta u erbghin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm19,846.56) - bilanc ghad-debitu fil- "*Loan Account* " ta' Tara Jessica Bannon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-12 ta' Gunju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A" ) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Tara Jessica Bannon:

(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Tara Jessica Bannon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2007 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok "C", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, tilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob illi l-Qorti :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Tara Jessica Bannon (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c)

hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Tara Jessica Bannon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Tara Jessica Bannon thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf, mitejn u tletin Ewro u sitt centezmu (€46,230.06) – ekwivalenti ghal dsatax-il elf, tmin mija u sitta u erbghin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm19,846.56) - bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account* " ta' Tara Jessica Bannon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-12 ta' Gunju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tal-bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil PL Francesca Scerri ghall-bank attur fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2009 tikkonferma bil-gurament illi l-bank attur sa dakinhar baqa ma thallas xejn minghand il-konvenuta;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi **tilqa** t-talbiet attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-bank attur s-somma ta' sitta u erbghin elf, mitejn u tletin Ewro u sitt centezmu (€46,230.06) – ekwivalenti ghal dsatax-il elf, tmin mija u sitta u erbghin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm19,846.56) - bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account* " ta'

Tara Jessica Bannon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-12 ta’ Gunju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------